**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**James Mizzi, detentur tal-karta tal-identita` numru 536475M**

***Kump. Nru. 519/2017***

Illum 22 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Mizzi talli:

> Fl-20 ta' Novembru, 2017, ghal habta ta' 4.30am u/jew hinijiet wara waqt li kien fit-Triq Tal-Borg, Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq minn residenza numru 80 sitwata fit-Triq tal-Borg liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil mezz, valur, hin, lok u kien ikun ghad detriment ta' Bernice Vassallo u membri tal-familja taghha u/jew persuni ohra.
>
> Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer wara li kien ikkundannat f' Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni instab fil-pussess tieghu oggetti tieghu li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu u ma tax kont sodisfacenti ta' kif kienu legittimament ghandu.
>
> U aktar talli garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta ta' liema xorta ikun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il Qorti hi wkoll mitluba li f kaz ta htija milli tapplika il-piena skond il ligi tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzati bihom l-imputat, fejn jirrizulta li l-imputat hu mahkum mill-vizzju tad-droga u li wettaq dawn ir-reati sabiex jiffinanzja dan il-vizzju. Ittiehdet konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali tal-imputat kif ukoll tal-fatt li l-ahhar reat twettaq aktar minn 10 snin ilu, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Tqis li piena karcerarja tkun kontro-produttiva u li dak li jinhtieg l-imputat hu li jindirizza n-nuqqasijiet tieghu bl-ghajnuna ta' professjonisti dedikati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 49, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 287 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlettin xahar millum kif ukoll ghal multa ta' €116.47.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal tlettin xahar u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jekk jikser l-ordni ta' trattament fuqu impost.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**